

Kawża C-409/05

Il-Kummissjoni Ewropea

vs

Ir-Repubblika Ellenika

“Nuqqas ta’ Stat li jwettaq obbligu — Importazzjoni ta’ apparat militari eżenti mid-dazju”

Konklużjonijiet tal-Avukat Ġenerali D. Ruiz-Jarabo Colomer, ippreżentati fl-	I - 11862
10 ta’ Frar 2009 Sentenza tal-Qorti tal-Ġustizzja (Awla Manja) tal-15 ta’ Diċembru 2009 . . .	I - 11863

Sommarju tas-sentenza

- 1. Dritt Komunitarju — Kamp ta’ applikazzjoni — Ineżistenza ta’ riżerva ġenerali li teskludi l-miżuri meħuda għal raġunijiet ta’ sigurtà pubblika
(Artikoli 30 KE, 39 KE, 46 KE, 58 KE, 64 KE, 296 KE u 297 KE)*

2. *Riżorsi proprij tal-Komunitajiet Ewropej — Konstatazzjoni u tqegħid għad-dispożizzjoni mill-Istati Membri — Importazzjoni minn Stat Membru ta' apparat militari eżenti mid-dazju (Regolamenti tal-Kunsill Nru 1552/89, kif emendat bir-Regolament Nru 1355/96, Artikoli 2 u 9 sa 11, u Nru 1150/2000, Artikoli 2 u 9 sa 11)*

1. Għalkemm huma l-Istati Membri li għand-hom jistabbilixxu l-miżuri neċċessarji sabiex jiżguraw is-sigurtà interna u esterna tagħhom, dan ma jfissirx madankollu li tali miżuri jaqgħu kompletament barra l-kamp ta' applikazzjoni tad-dritt Komunitarju. It-Trattat jipprovd i-dergi spċifici applikabbi f'każ ta' sitwazzjonijiet li jistgħu jipprova is-sigurtà pubblika biss fl-Artikoli 30 KE, 39 KE, 46 KE, 58 KE, 64 KE, 296 KE u 297 KE, li jirrigwardaw sitwazzjonijiet eċċeżżjonali li huma ddedefiniti sew. Minn dan ma jistax jiġi dedott li teżisti riżerra ġenerali, inerenti fit-Trattat, li teskludi kull miżura meħuda għal raġunijiet ta' sigurtà pubblika mill-kamp ta' applikazzjoni tad-dritt Komunitarju. Ir-ri-konoxximent tal-eżistenza ta' riżerra bħal din, barra mill-kundizzjonijiet spċifici tad-dispożizzjonijiet tat-Trattat, jista' jippreġudika n-natura vinkolanti u l-applikazzjoni uniformi tad-dritt Komunitarju.

Barra minn hekk, id-deroġi previsti fl-Artikoli 296 KE u 97 KE għandhom, kif inhu l-każ għad-deragi mil-libertajiet fundamentali, jiġu interpretati b'mod strett. B'mod iktar partikolari, għal dak li jirrigwarda, l-Artikolu 296 KE, għalkemm dan l-artikolu jirreferi għal miżuri li Stat Membru jista' jqis neċċessarji għall-protezzjoni tal-interessi vitali tas-sigurtà tiegħu

jew tal-informazzjoni li t-tixrid tagħha jqisu bħala kuntrarju għal dawn l-interessi, huwa xorta waħda ma jistax jiġi interpretat b'mod li jikkonferixxi s-setgħa lill-Istati Membri sabiex jidderogaw mid dispożizzjoni jiet tat-Trattat billi sempliċement jinvokaw l-imsemmija interressi. Konsegwentement, huwa l-Istat Membru li jinvoka l-benefiċċju tal-Artikolu 296 KE li għandu jaġhti prova tal-ħtieġa li juża d-deroga stabbilita f'dan l-artikolu bil-għan li jipproteġġi l-interessi vitali tas-sigurtà tiegħu.

(ara l-punti 50-52, 54)

2. Jonqos milli jwettaq l-obbligi tiegħu taħt, rispettivament, l-Artikolu 2 u l-Artikolu 9 sa 11 tar-Regolament Nru 1552/89, li jimplementa d-Deċiżjoni 88/376/KEE dwar is-sistema ta' riżorsi tal-Komunitajiet innifishom, kif emendat bir-Regolament Nru 1355/96, sal-31 ta' Mejju 2000, kif ukoll minn din l-istess data, taħt l-istess artikoli tar-Regolament Nru 1150/2000, li jimplementa d-Deċiżjoni 94/728/KEE dwar is-sistema tar-riżorsi tagħhom tal-Komunitajiet, Stat Membru li, minn naħa, irrifjuta li jikkalkola u jħallas lill-Kummissjoni r-riżorsi proprij li ma nġabru fil-

perijodu bejn l-1 ta' Jannar 1998 u l-31 ta' Diċembru 2002, fir-rigward tal-importazzjoni ta' materjal militari eżenti mid-dazji doganali, u min-naħa l-oħra, li rrifjuta li jħallas l-interessi moratorji konnessi man-nuqqas ta' ħlas tal-imsemmija riżorsi propriji lill-Kummissjoni

materjal militari minħabba l-applikazzjoni tad-dazji doganali fuq l-importazzjonijiet ta' tali materjal provenjenti minn Stati terzi sabiex jipprova jevita, b'detriment għall-Istati Membri l-oħra li, min-naħħa tagħhom, jiġbru u jħallsu d-dazji doganali konnessi ma' tali importazzjonijiet, l-obbligi li timponi fuqu s-solidarjetà finanzjarja fir-rigward tal-baġit Komunitarju.

Fil-fatt, ma jistax jiġi aċċettat li Stat Membru jeċċepixxi ż-żieda fl-ispiża tal-

(ara l-punti 55 u 62 u d-dispożittiv)